



Brussell, 18 ta' April 2023
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0170(COD)

7846/23
ADD 1 REV 1

CODEC 488
CONSOM 109
MI 248
COMPET 273
DIGIT 56
CYBER 70
CHIMIE 30
JAI 368

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar is-sikurezza ġenerali tal-prodotti, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 87/357/KEE u d-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġiżlattiv = Dikjarazzjonijiet

Dikjarazzjoni mill-Ungerija

L-Ungerija tirrikonoxxi u tippromwovi l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa f'konformità mal-Liġi Fundamentali tal-Ungerija, u l-liġi primarja, il-prinċipji u l-valuri tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll l-impenji u l-prinċipji li jirriżultaw mid-dritt internazzjonali. Barra minn hekk, l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija mnaqqxa fit-Trattati tal-Unjoni Ewropea bħala valur fundamentali. F'konformità ma' dawn u mal-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħha, l-Ungerija tinterpreta l-kunċett ta' "ġeneru" bħala referenza għal "sess" u l-kunċett ta' "ugwaljanza bejn il-ġeneri" bħala referenza għall-"għoti ta' drittijiet u opportunitajiet ugwali għan-nisa u l-irġiel" fir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-sikurezza ġenerali tal-prodotti, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva (UE) 2020/1828 tal-Parlament u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva 87/357/KEE tal-Kunsill.

Dikjarazzjoni mid-Danimarka, Franza, il-Ġermanja u Spanja

Id-Danimarka, Franza, il-Ġermanja u Spanja jappoġġaw bis-sħiħ l-għanijiet tar-Regolament dwar is-Sikurezza Ġenerali tal-Prodotti u jilqgħu l-aġġornament u t-titjib tal-leġislazzjoni dwar is-sikurezza tal-prodotti biex jiġi żgurat li din taqbel mar-realtà ġdida aktar diġitali u teknoloġika.

Madankollu, aħna stennejna livell ta' ambizzjoni oġhla fir-rigward tar-regolamentazzjoni tar-rwol tal-fornituri tas-swieq online fil-prevenzjoni ta' prodotti diġà notifikati bħala perikolużi milli jerġgħu jitfaċċaw fis-suq.

Matul l-aħħar għaxar snin, ir-rwol tal-fornituri tas-swieq online fid-distribuzzjoni tal-prodotti fis-suq tal-Unjoni kiber b'mod rapidu. Għalkemm xi wħud minnhom jieħdu impenji volontarji u għandhom politiki interni ffukati fuq is-sikurezza tal-prodotti, u ħafna minnhom normalment ineħħu prodotti mhux sikuri meta jiġu infurmati, dawn wisq drabi jerġgħu jitfaċċaw u l-ġhodod eżistenti wrew li mhumiex effettivi biżżejjed biex jipprevenuhom. Dan jirrifletti ambjent ta' infurzar tal-konsumatur kumpless u diffiċli li jeħtieġ approċċ aktar proattiv, li juża aħjar il-possibbiltajiet offruti mit-teknoloġija biex jitwettqu kontrolli għall-għarrieda ex ante b'mod awtomatizzat.

Għalhekk, aħna ser nimmonitorjaw mill-qrib l-implimentazzjoni tar-Regolament dwar is-sikurezza ġenerali tal-prodotti (GPSR) flimkien mal-Att dwar is-Servizzi Diġitali (DSA) u nistennew li fi proposti futuri jiġu kkunsidrati responsabbiltajiet ulterjuri għall-fornituri ta' swieq online fir-rigward tas-sikurezza tal-prodotti.
